

Brussell, 14 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

15033/21

ELARG 97
COWEB 169

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14862/21	
Nru dok. Cion:	COM(2021) 644 final
Suġġett:	TKABBIR U PROĊESS TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI – Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif approvati mill-Kunsill fl-14 ta' Diċembru 2021.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IT-TKABBIR U L-PROĊESS TA'
STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI

1. Il-Kunsill jieħu nota sew tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2021 dwar il-Politika ta' Tkabbir tal-UE u r-rapporti dwar il-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina u l-Kosovo*.
2. Il-kriżi tal-Covid-19 qed tkompli tħalli impatti negattivi serji fuq is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna. Il-pandemija enfasizzat il-ħtieġa u l-vantaġġi ta' għaqda u l-indirizzar ta' sfidi komuni flimkien. Filwaqt li tfakkar fl-iskala bħal qatt qabel u l-firxa ta' appoġġ diġà pprovdut, l-UE għadha impenjata li tkompli din il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni, kif ukoll li ttejjeb aktar l-aċċess għat-tilqim, id-dijanostika u t-terapiji u li tiżgura prevedibbiltà aħjar ta' kriżijiet futuri u reżiljenza għalihom. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-appoġġ siewi li l-Balkani tal-Punent taw lil xulxin u lill-UE.
3. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid **l-impenn tiegħu lejn it-tkabbir**, li għadu politika ewlenija tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir approvat mill-Kunsill Ewropew fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2006 u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill. Dan ikompli jirrappreżenta investiment strateġiku fil-paċi, id-demokrazija, il-prosperità, is-sigurtà, u l-istabbiltà fl-Ewropa. Il-Kunsill itenni li t-tħaddin ta' valuri fundamentali tal-UE u tal-perspettiva Ewropea u l-impenn lejhom huma għażla strateġika soda, essenzjali għas-sħab kollha li jaspiraw għas-sħubija fl-UE. F'konformità ma' dan, il-Kunsill ikompli jistenna li s-sħab jieħdu sjieda u jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ għas-supremazija tad-demokrazija, id-drittijiet u l-valuri fundamentali u l-istat tad-dritt, li huwa fl-interess tal-poplu tagħhom. Il-kredibbiltà ta' dawn l-impenji tiddependi fuq l-implimentazzjoni sinifikanti tar-riformi meħtieġa u l-bini ta' rekord sod mirfud minn komunikazzjoni pubblika ċara u konsistenti.

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

4. Filwaqt li jfakkar fl-Aġenda ta' Tessaloniki u d-Dikjarazzjonijiet ta' Sofija, Żagreb u Brdo, il-Kunsill itenni l-appoġġ inekwivoku tal-UE għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent. L-UE ser tkompli ssaħħa u tintensifika l-impenn tagħha fil-livelli kollha biex tappoġġa t-trasformazzjoni politika, ekonomika u soċjali tar-reġjun, inkluż permezz ta' assistenza kontinwa bbażata fuq progress tanġibbli dwar l-istat tad-dritt u r-riformi soċjoekonomiċi, kif ukoll fuq l-aderenza tas-sħab mal-valuri, ir-regoli u l-istandards tal-UE. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistenna b'interess l-implimentazzjoni tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent, kif ukoll tal-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent. Sabiex jissaħħa u jissaħħa aktar id-djalogu politiku mar-reġjun, il-Kunsill jilqa' l-organizzazzjoni ta' Summits UE-Balkani tal-Punent bħala avvenimenti regolari. Il-Kunsill jistenna b'interess li jsiru l-ewwel konferenzi intergovernattivi mar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Albanija malajr kemm jista' jkun, wara l-approvazzjoni tal-oqfsa ta' negozjar mill-Kunsill. It-Turkija għadha pajjiż kandidat u sieħeb ewlieni f'ħafna oqsma ta' interess konġunt.
5. F'konformità ma' konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill u fil-qafas tal-kriterji politiċi ta' Copenhagen u tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, li għadu l-qafas komuni għar-relazzjonijiet mal-Balkani tal-Punent, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa, f'konformità mal-kunsens imġedded tal-2006 dwar it-tkabbir, għal **kondizzjonalità ġusta u rigoruża** u l-**prinċipju tal-merti proprji**. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-UE tkun tista' żżomm u tapprofondixxi l-iżvilupp tagħha stess, inkluż il-kapaċità tagħha li tintegra membri ġodda. Il-metodoloġija tat-tkabbir riveduta b'enfasi saħansitra aktar qawwija fuq ir-riformi fundamentali, għandha l-għan li jsahha il-proċess tal-adeżjoni billi tagħmlu aktar prevedibbli, aktar kredibbli, u aktar dinamiku, u soġġett għal direzzjoni politika aktar b'saħħitha, ibbażata fuq kriterji oġġettivi u kondizzjonalità pożittiva u negattiva rigoruża, u riversibbiltà. Hija qed tiġi integrata fl-oqfsa l-ġodda ta' negozjar u ġiet akkomodata fi ħdan daww eżistenti mal-Montenegro u s-Serbja, li l-Kunsill jilqa'. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar ukoll f'possibbiltajiet għal miżuri ta' integrazzjoni aċċellerati soġġetti għal progress ulterjuri u suffiċjenti mill-kandidati dwar il-prijoritajiet ta' riforma.

6. Filwaqt li jqis l-istat ġenerali tal-isforzi attwali ta' riforma fost is-sħab, kif irrappurtat mill-Kummissjoni, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jikkonċentraw fuq ir-**riformi fundamentali** biex jindirizzaw għadd ta' nuqqasijiet strutturali persistenti fl-oqsma tal-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll fuq il-kriterji ekonomiċi. Rekords tajbin u sostnuti ta' implimentazzjoni ta' **riformi u riżultati konkreti u tanġibbli** f'dawn l-oqsma kruċjali għadhom essenzjali, b'mod partikolari biex jiġi determinat ir-ritmu ġenerali tan-negozjati tal-adeżjoni.
7. Il-Kunsill ifakkar li l-**istat tad-dritt** huwa valur fundamentali li fuqu hija msejsa l-UE, aspett kruċjali tat-trasformazzjoni demokratika li tinsab fil-qalba kemm tal-Proċess ta' Tkabbir kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, u l-punt ta' riferiment ewlieni li fil-konfront tiegħu jiġi vvalutat il-progress lejn is-sħubija fl-UE. Għalhekk huwa essenzjali li l-progress tal-imsieħba f'dan il-qasam ikun sod, tanġibbli u irriversibbli. Filwaqt li jirrikonoxxi li xi sħab avvanzaw f'dan il-qasam kruċjali, il-Kunsill jinnota bi tħassib li n-nuqqasijiet irrappurtati jikkonfermaw li dan huwa wieħed mill-isfidi ewlenin. In-nuqqas ta' progress kredibbli f'ħafna każijiet, u f'xi wħud saħansitra rigress, ħafna drabi huwa relatat man-nuqqas ta' rieda politika, nuqqasijiet fl-indipendenza ġudizzjarja, reżistenza istituzzjonali, u korruzzjoni mifruxa u kriminalità organizzata: dan kollu huwa ta' tħassib ewlieni li jenħtieġ jiġi indirizzat bħala kwistjoni ta' prijetà għolja.

Il-Kunsill jinnota li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet kien hemm progress limitat u saħansitra stagħnar fil-qasam tal-protezzjoni tad-**drittijiet fundamentali**. Għadhom meħtieġa miżuri kredibbli u ġenwini biex jindirizzaw il-ħafna nuqqasijiet irrappurtati. Ta' tħassib partikolari huma dawk relatati mad-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet u t-trattament nondiskriminatorju ta' persuni li jaġhmlu parti minn minoranzi u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħar-Rom, il-persuni b'diżabbiltà, u l-persuni lezġjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) u minoranzi nazzjonali. Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, għandhom jiġu żgurati l-emanċipazzjoni u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali tan-nisa u l-bniet. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni rigward il-**libertà tal-espressjoni, libertà u pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni** għadha inkwetanti ħafna, bi progress limitat jew ebda progress fil-biċċa l-kbira tal-każijiet u f'każ wieħed saħansitra rigress serju kontinwu. Miżuri urġenti għadhom meħtieġa biex jissalvagwardjaw dawn il-pilastri essenzjali tad-demokrazija. Theddid, intimidazzjoni u attakki mmirati lejn il-media, ġurnalisti u atturi oħra tal-media għandhom jiġu indirizzati b'mod riżolut. Aktar progress fir-**riforma tal-amministrazzjoni pubblika**, b'mod partikolari dwar id-depolitiċizzazzjoni, aktar responsabbiltà u professjonaliżmu, għadu meħtieġ għat-titjib tal-governanza fil-livelli kollha.

Il-funzjonament xieraq u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet demokratiċi – element essenzjali ta' demokrazija li jiffunzjonaw tajjeb u kundizzjoni ewlenija għall-adeżjoni mal-UE – għadhom sfida urġenti. Il-Kunsill jinnota li n-nuqqas ta' rieda politika ġenwina għadha raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' progress sostanzjali, jew saħansitra rigress, fir-rigward ta' riformi kredibbli u sostenibbli f'dan il-qasam. Il-Kunsill jinnota bi tħassib il-ħafna każijiet fejn il-funzjonament tajjeb tas-sistemi u l-istituzzjonijiet demokratiċi jixxekkel jew jiddgħajjef. L-indirizzar tan-nuqqasijiet irrappurtati għadu tal-akbar importanza, u jirrikjedi riformi anke f'oqsma fundamentali relatati kif ukoll djalogu politiku inklużiv, u jipprovdi rwol aktar b'saħħtu u l-libertà li joperaw għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

8. Fir-rigward tal-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' u jikkondividi l-analiżi tal-Kummissjoni. Il-Kunsill jisħaq li l-implimentazzjoni kemm tar-riformi fundamentali kif ukoll strutturali għadha essenzjali għall-irkupru u l-iżvilupp ekonomiku peress li l-isforzi biex jindirizzaw il-korruzzjoni, jittejjeb l-istat tad-dritt, tissaħħaħ it-trasparenza u jissaħħu l-istituzzjonijiet u d-djalogu soċjali jkunu ta' benefiċċju wkoll għall-ekonomiji. F'dan il-kuntest il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' trasparenza sħiħa tal-investimenti kollha, b'mod partikolari dawk li jinvolvu proċeduri ta' akkwist pubbliku. L-isfruttar tal-potenzjal ekonomiku tas-sħab ser jirrikjedi wkoll riformi kontinwi tal-istrutturi ekonomiċi identifikati fil-Programmi ta' Riforma Ekonomika (ERPs). L-implimentazzjoni tar-riformi stabbiliti fl-ERPs u fil-gwida politika adottata b'mod konġunt mal-Istati Membri tal-UE hija għalhekk essenzjali mhux biss biex tittejjeb il-kompetittività, jitrawwem il-ħolqien tal-impjiegi u tiġi ffaċilitata l-inklużjoni soċjali, iżda wkoll biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali u jiġu sodisfatti l-kriterji ekonomiċi fil-proċess tal-adeżjoni u biex jiġi massimizzat l-impatt potenzjali tal-pakkett ta' investiment sostanzjali tal-UE. L-**aġenda Ekoloġika u l-konnettività sostenibbli** huma kruċjali għall-irkupru sostenibbli, kif ukoll għall-integrazzjoni ekonomika fir-reġjun u mal-UE, li ser jkunu ta' benefiċċju kemm għan-negozji kif ukoll għall-pubbliku ġenerali. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-sħab kollha biex jimplimentaw il-miżuri inklużi fil-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija tat-12 ta' Lulju 2021, abbażi tal-Programmi ta' Riformi Ekonomiċi rispettivi tagħhom. Il-Kunsill ifakkar li l-UE għadha bil-wisq l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija kemm għall-importazzjonijiet kif ukoll għall-esportazzjonijiet.
9. Il-Kunsill jissottolinja l-hteġa kruċjali li jiġi indirizzat it-**tibdil fil-klima** f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-UE relatati mal-klima, li jitħaffef l-allinjament mal-*acquis* tal-UE u li tissaħħaħ l-implimentazzjoni fit-tranżizzjoni għal ekonomiji newtrali għall-klima, reżiljenti, sostenibbli, ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.

10. **Ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali** għadhom elementi essenzjali tal-Proċess ta' Tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar u jtenni l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali inklużiva, b'mod partikolari r-realizzazzjoni tas-**Suq Reġjonali Komuni tal-Balkani tal-Punent**, abbażi tar-regoli u l-istandards tal-UE, li ser tkun kruċjali biex jittieħed vantaġġ sħiħ tal-potenzjal tar-reġjun u tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment. Huma meħtieġa sforzi deċiżivi biex jitrawmu **r-rikonċiljazzjoni u l-istabbiltà reġjonali**, kif ukoll biex jinstabu u jiġu implimentati soluzzjonijiet definnittivi, inklużivi u vinkolanti għat-tilwim u l-kwistjonijiet bilaterali tas-sħab li għandhom l-għeruw tagħhom fl-imgħoddi, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti, inkluż il-Ftehim dwar Kwistjonijiet ta' Suċċessjoni, u l-każijiet li fadal ta' persuni nieqsa u kwistjonijiet ta' delitti tal-gwerra. Il-każijiet domestiċi ta' delitti tal-gwerra għandhom jiġu indirizzati b'mod effettiv mingħajr diskriminazzjoni, inkluż permezz ta' kooperazzjoni reġjonali sinifikanti u kooperazzjoni sħiħa mal-Mekkaniżmu għat-Tribunali Kriminali Internazzjonali u l-Awli Speċjalizzati u permezz ta' appoġġ għall-ħidma tagħhom. Il-Kunsill jissottolinja li m'hemm l-ebda post għaċ-ċaħda tal-ġenoċidji, retorika infjammatorja jew glorifikazzjoni ta' kriminali tal-gwerra, minn ebda naħa. Jenħtieġ li jiġu evitati dikjarazzjonijiet u azzjonijiet li għandhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u fuq is-soluzzjoni paċifika għat-tilwim. Jenħtieġ li l-ftehimiet bilaterali eżistenti, inkluż il-ftehim ta' Prespa bejn ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u l-Greċja u t-Trattat ta' Ħbiberija, Relazzjonijiet tajbin ta' Viċinat u Kooperazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u l-Bulgarija, jiġu implimentati b'rieda tajba.
11. Il-Kunsill ikompli jenfasizza l-importanza li tikber il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' politika estera u l-aspettattivi tal-Unjoni dwar allinjament imsaħħaħ mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw interessi komuni importanti, pereżempju dwar miżuri restrittivi u l-indirizzar ta' theddid ibridu. Is-sħubija fl-UE hija għażla, u waħda li tirrikjedi l-qsim tal-prinċipji, il-valuri u l-miri li l-Unjoni tfittex li tippromwovi fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu, inkluż il-kisba ta' allinjament sħiħ mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, u t-trażżin ta' kwalunkwe azzjoni kuntrarja għaliha.

12. Il-Kunsill ikompli jenfasizza l-importanza tal-**komunikazzjoni strateġika**, kif ukoll il-ħtieġa li s-sħab isaħħu r-reżiljenza tagħhom għal attivitajiet ibridi malizzjużi. It-theddid ibridu jitlob kooperazzjoni msaħħa u kollaborazzjoni aktar mill-qrib, inkluż fir-reżiljenza ċibernetika, il-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi, il-komunikazzjoni strateġika u l-indirizzar tad-diżinformazzjoni. Il-Kunsill jappella lis-sħab kollha biex jikkomunikaw b'mod ċar il-benefiċċji u l-obbligi tat-triq tagħhom lejn l-UE, kif ukoll l-impenn tagħhom stess għall-valuri tal-UE u r-riformi meħtieġa relatati. L-impenn kontinwu tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, anki fil-ksib ta' politika strateġika aktar effettiva dwar il-komunikazzjoni kemm mas-sħab kif ukoll maċ-ċittadini tal-UE, għadu kruċjali.
13. It-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-kriminalità organizzata għadhom ta' theddida serja għas-sigurtà tal-UE u tar-reġjun kollu. F'konformità ma' konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill, il-Kunsill itenni l-importanza li titkompla u tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni fil-**għlieda kontra t-terroriżmu**, b'mod partikolari rigward għlieda terroristi barranin u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-għlieda kontriha. Aktar sforzi u rekord tajjeb għadhom meħtieġa fil-**għlieda kontra l-kriminalità organizzata**. Filwaqt li jilqa' l-eżempji pożittivi rrappurtati, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li s-sħab kollha jsibu rispons effettiv għall-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata milli tinfiltra l-ekonomiji tagħhom. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu evitati l-forom kollha ta' radikalizzazzjoni, inkluż ta' natura reliġjuża, etno-nazzjonalista jew politika.
14. Dwar **il-migrazzjoni**, il-Kunsill ifaħħar lis-sħab tal-Balkani tal-Punent għall-isforzi kontinwi tagħhom u l-kooperazzjoni ġeneralment kostruttiva, li taw riżultati ċari, u lit-Turkija għall-isforzi sinifikanti kontinwi tagħha biex tospita u tindirizza l-ħtiġijiet ta' kważi erba' miljun refuġjat. Il-Kunsill itenni li implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija u appoġġ kontinwu għas-sħab tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent huma meħtieġa. Huma meħtieġa aktar azzjonijiet mis-sħab f'konformità mad-dritt tal-UE u l-obbligi internazzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-migrazzjoni.

15. Il-Kunsill ifakkar fl-**assistenza finanzjarja u teknika kontinwa u sostanzjali tal-UE** għall-Proċess ta' Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, b'mod partikolari fil-forma tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), wara l-adozzjoni tar-Regolament IPA III f'Settembru 2021 b'pakkett finanzjarju ta' EUR 14,162 biljun.

TKABBIR

IL-MONTENEGRO

16. Il-Kunsill jilqa' l-progress ġenerali li sar s'issa fin-negozjati tal-adeżjoni, bit-33 kapitolu taħt eżami analitiku kollha miftuħa u tlieta magħluqa proviżorjament, kif ukoll il-qbil li ntlaħaq fit-13-il Konferenza Intergovernattiva f'Ġunju 2021 dwar l-elementi tal-metodoloġija tat-tkabbir riveduta li għandhom jiġu akkomodati fil-qafas ta' negozjar eżistenti u li għandhom jiġu applikati għan-negozjati mal-Montenegro dwar l-adeżjoni. Il-prijorità għal aktar progress fin-negozjati dwar l-adeżjoni, u qabel ma kapitolu oħra jkunu jistgħu jingħalqu b'mod proviżorju, għadha t-tweqqi tal-punti ta' riferiment interim fir-rigward tal-istat tad-dritt li jinsabu fil-kapitolu 23 u 24. Huwa biss meta l-Montenegro jissodisfa l-kriterji deskritti li l-UE tkun tista' tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-istat tad-dritt bħala punti ta' riferiment ta' għeluq, li l-Montenegro ser ikollu jissodisfa biex jingħalqu dawn il-kapitolu. Il-Kunsill itenni li jenħteġ li s-sistema kollha tal-istat tad-dritt tagħti riżultati tanġibbli u rekord imsaħħa u sostenibbli. Kif stabbilit ukoll fil-Qafas ta' Negozjar, il-progress f'dawn il-kapitolu huwa essenzjali u ser ikompli jiddetermina l-pass tan-negozjati tal-adeżjoni b'mod ġenerali. Il-Kunsill jistenna li l-Montenegro jkompli jsegwi t-triq tal-adeżjoni tiegħu b'aktar determinazzjoni. Il-Kunsill jidentifika dawn li ġejjin bħala l-aktar riformi importanti u urġenti li l-Montenegro għandu jwettaq.

17. Il-Kunsill jinkoraġġixxi bil-qawwa lill-Montenegro biex juri rieda politika determinata u jegħleb il-polarizzazzjoni, u jwassal riżultati tanġibbli b'mod partikolari fl-oqsma kritiċi tal-**libertà ta' espressjoni u tal-media u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni**, u biex ikompli jindirizza n-nuqqasijiet eżistenti fit-trattament tal-każijiet ta' kriminalità organizzata u l-qbid u l-konfiska ta' assi kriminali. Il-Kunsill ifakkar fil-hteġa li tiġi indirizzata l-implimentazzjoni staġnata tar-riformi ġudizzjarji ewlenin – inkluż il-ħatriet importanti u li għadhom pendenti f'istituzzjonijiet indipendenti ewlenin u fil-ġudikatura. Il-Kunsill itenni wkoll l-appelli tiegħu lill-Montenegro biex jiggarrantixxi klima sikura u favorevoli għal-libertà ta' espressjoni u l-indipendenza tal-media, inkluż billi jintensifika l-isforzi biex jiġu investigati u solvuti każijiet ta' attacchi kontra ġurnalisti bħala kwistjoni ta' prijetà għolja, u billi jindirizza b'mod effettiv id-diżinformazzjoni u l-fastidju online u d-diskors ta' mibegħda. Huwa kruċjali li tiġi żgurata l-indipendenza tax-xandara tas-servizz pubbliku u li jiġi stabbilit mekkaniżmu awtoregulatorju effettiv li jkopri l-korpi kollha tal-media. Il-Kunsill jissottolinja l-aspettattivi tiegħu ta' impenn politiku b'saħħtu u impenn ġenwin mill-istituzzjonijiet u l-atturi rilevanti kollha f'dawn l-isforzi kollha.

Barra minn hekk, il-Kunsill ihegġegħ lill-Montenegro biex **isaħħaħ l-indipendenza tal-istituzzjonijiet, b'mod partikolari tal-ġudikatura**, u juri rieda politika qawwija biex titkompla l-ħidma fuq ir-**riforma tal-amministrazzjoni pubblika** u tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva. Il-Kunsill jinnota f'dan ir-rigward li l-Montenegro jeħtieġ li jiżgura reklutaġġ ibbażat fuq il-mertu u jżomm l-għarfien espert relatat mal-UE fl-amministrazzjoni tiegħu biex jappoġġa l-proċess ta' adeżjoni u n-negozjati u japplika l-acquis tal-UE.

18. Il-Kunsill jissottolinja li r-**riforma elettorali** għadha kruċjali għat-tisħiħ tal-fiduċja elettorali, u jhegġegħ lill-partijiet kollha juru responsabbiltà u jkollhom **djalogu politiku sinifikattiv u inklużiv fil-parlament** biex jiġi evitat aktar polarizzazzjoni tax-xenarju politiku.

19. Fir-rigward tar-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt qawwi fuq l-ekonomija. Madankollu, il-gvern irnexxielu jkompli jimplimenta wħud mir-riformi previsti u jtaffi r-riskji finanzjarji, filwaqt li s-settur finanzjarju baqa' stabbli. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Montenegro biex jimplimenta b'mod sħiħ il-gwida politika li tinsab fil-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju, inkluż billi jnaqqas id-defiċit baġitarju u l-proporzjon tad-dejn pubbliku ladarba l-irkupru jkun qabad sew, itejjeb il-governanza u t-trasparenza fiskali u jimplimenta r-riformi strutturali.
20. Il-Kunsill japprezza l-impenn kostruttiv kontinwu tal-Montenegro lejn l-iżvilupp ulterjuri tal-**kooperazzjoni reġjonali** u l-promozzjoni ta' **relazzjonijiet tajbin ta' viċinat**.
21. Il-Kunsill ikompli jfaħħar bis-sħiħ lill-Montenegro għall-kooperazzjoni konsistenti tiegħu fi kwistjonijiet ta' politika estera, u b'mod partikolari l-allinjament sħiħ kontinwu tiegħu mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**. Huwa jilqa' wkoll il-parteciġazzjoni attiva kontinwa tal-Montenegro f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE skont il-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni**.

SERBJA

22. Il-Kunsill jilqa' l-**progress ġenerali** li sar s'issa fin-negozjati tal-adeżjoni, bi 22 minn 35 kapitoli ta' negozjar miftuħa u żewġ kapitoli magħluqa proviżorjament, kif ukoll il-qbil li ntlaħaq fit-12-il Konferenza Intergovernattiva f'Ġunju 2021 dwar l-elementi tal-metodoloġija tat-tkabbir riveduta li għandhom jiġu akkomodati fil-qafas ta' negozjar eżistenti u li għandhom jiġu applikati għan-negozjati mas-Serbja dwar l-adeżjoni. Il-Kunsill ikompli jissottolinja li l-progress fir-rigward tal-kapitoli dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, kif ukoll fir-rigward tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tas-Serbja mal-Kosovo, kif stipulat fil-Qafas ta' Negozjar, għadu essenzjali u ser jiddetermina r-ritmu tan-negozjati tal-adeżjoni b'mod ġenerali.
23. Filwaqt li jinnota li l-Gvern Serb għadu qed jiddikjara l-integrazzjoni tal-UE bħala l-għan strateġiku tiegħu, il-Kunsill jappella lill-awtoritajiet Serbi biex jimpenjaw ruħhom b'mod sod lejn il-**valuri tal-UE** u jippromwovuhom kif ukoll biex jagħmlu aktar enfasi fuq dan l-oġġettiv u jikkomunikaw b'mod pożittiv u mingħajr ambigwiżità dwar l-UE, li hija s-sieħeb politiku u ekonomiku ewlieni tas-Serbja.

24. Il-Kunsill jinnota l-progress li sar mis-Serbja f'xi oqsma tal-istat tad-dritt iżda wkoll il-progress ġenerali limitat u d-dewmien kontinwu f'għadd ta' oqsma oħra. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lis-Serbja biex tkompli turi rieda politika li taċċellera aktar ir-riformi u tagħti riżultati konkreti u tanġibbli fl-**oqsma fundamentali**. Il-Kunsill jidentifika dawn li ġejjin bħala l-aktar riformi importanti u urġenti li s-Serbja għandha twettaq.

Is-Serbja għandha tiffoka fuq l-issodisfar tal-punti ta' riferiment interim għall-kapitoli 23 u 24, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni riveduti għal dawn il-kapitoli. L-indipendenza u l-effiċjenza ġenerali tal-**ġudikatura** u l-implimentazzjoni effettiva tar-riforma għadhom jeħtieġu attenzjoni speċjali. Il-Kunsill jilqa' l-progress miksub s'issa fir-riforma kostituzzjonali u jappella lis-Serbja biex tiffinalizzaha matul il-leġiżlatura attwali u f'konformità mal-istandards Ewropej u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja. Jenħtieġ li s-Serbja tikseb riżultati tanġibbli u rekord **konvinċenti** b'investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali effettivi, l-iffriżar u l-konfiska ta' assi kriminali, b'mod partikolari fir-rigward ta' **każijiet ta' kriminalità serja u organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus**. Jenħtieġ li s-Serbja żżid l-isforzi tagħha fil-ġlieda kontra l-**korruzzjoni**, inkluż każijiet ta' livell għoli.

Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-istrateġija għall-media u l-pjan ta' azzjoni relatat ġew adottati, u jappella lis-Serbja biex timplimentahom b'mod effettiv bħala kwistjoni ta' prijorità, filwaqt li tirrispetta l-kliem u l-ispiritu tal-oġettivi tal-istrateġija tal-media. Fl-istess ħin, il-Kunsill jesprimi tħassib serju dwar il-progress limitat fit-titjib tal-ambjent ġenerali għal-**libertà ta' espressjoni**. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lis-Serbja biex tiggarantixxi klima sikura li tiffaċilita l-eżerċitar mingħajr ostakli tal-libertà ta' espressjoni u l-indipendenza tal-media bħala kwistjoni ta' urġenza, inkluż billi żżid l-isforzi biex jiġu investigati każijiet ta' theddid, intimidazzjoni u vjolenza fuq ġurnalisti.

Jenħtieġ li s-Serbja tkompli tagħti attenzjoni partikolari lir-rispett sħiħ tad-**drittijiet fundamentali**, inkluż il-protezzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli, kif ukoll it-trattament nondiskriminatorju ta' minoranzi nazzjonali fis-Serbja kollha, b'mod speċjali fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-użu ta' lingwi minoritarji, l-aċċess għall-media u s-servizzi reliġjużi f'lingwi minoritarji, u ssegwi attivament investigazzjonijiet u kundanni għal reati b'motivazzjoni ta' mibegħda.

Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat il-**funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet demokratiċi** u jissottolinja li r-riforma elettorali għadha importanti ferm għat-tisħiħ tal-fiduċja elettorali. Jirrikonoxxi li s-Serbja bdiet tindirizza rakkomandazzjonijiet li ilhom jeżistu mill-OSKE/ODIHR. Qabel l-elezzjonijiet imħabbra tal-2022, huwa kruċjali li dawn ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin kollha jiġu implimentati b'mod inklużiv u trasparenti u abbażi ta' kunsens politiku usa'. Huwa importanti li l-miżuri identifikati fid-djalogu bejn il-partiti mmexxi mill-Parlament Ewropew jiġu implimentati wkoll. Għad irid jiġi stabbilit b'mod effettiv ambjent favorevoli għall-iżvilupp u l-finanzjament tas-**soċjetà ċivili**.

Il-Kunsill ikompli jissottolinja l-importanza tat-trattament domestiku ta' **delitti tal-gwerra**, tas-soluzzjoni tal-każijiet li fadal ta' persuni neqsin u ta' kooperazzjoni sħiħa mal-Mekkaniżmu Internazzjonali li Jeżerċita s-Setgħat Residwi tal-Qrati Kriminali, inkluż billi jiġu aċċettati u implimentati b'mod sħiħ is-sentenzi u d-deċiżjonijiet tiegħu, bħala kwistjoni ta' urġenza. M'għandu jkun hemm l-ebda appoġġ u spazju pubbliku għal kriminali tal-gwerra kkundannati u lanqas għall-glorifikazzjoni jew iċ-ċaħda tad-delitti tagħhom.

25. Fir-rigward tar-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv il-progress kontinwu li sar fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u li l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 ittaffa b'suċċess, fost l-oħrajn, permezz ta' momentum qawwi ta' qabel il-kriżi u miżuri ta' appoġġ fiskali u monetarju mdaqqsu u f'waqthom. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-Serbja biex timplimenta b'mod sħiħ il-gwida politika li tinsab fil-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju u tkompli bir-riformi strutturali tal-amministrazzjoni pubblika u tal-intrapriżi tal-istat. L-iżgurar ta' konformità sħiħa mal-*acquis* tal-UE dwar l-akkwist pubbliku huwa importanti. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi li saru mis-Serbja għat-twettiq tal-punti ta' riferiment tal-ftuħ fil-ġabra 3 (Kompetittività u tkabbir inklużiv) u ser ikompli l-valutazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward.
26. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li s-Serbja tissodisfa l-impenji tagħha u li żżid l-isforzi tagħha biex progressivament tallinja ruħha mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**, skont il-Qafas ta' Negożjar, u li tkompli ttejjeb ir-rekord attwali tagħha bħala kwistjoni ta' prijorità b'mod sostenibbli u tanġibbli.

27. Il-Kunsill jilqa' l-parteciċipazzjoni attiva kontinwa u l-kontribut importanti tas-Serbja f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE taħt il-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni**.
28. Il-Kunsill itenni wkoll il-ħtieġa li s-Serbja tissodisfa l-impenn tagħha li tallinja ruħha mal-**politika komuni tal-UE dwar il-viżi**.
29. Dwar id-**Djalogu** ffaċilitat mill-UE, il-Kunsill jilqa' l-kontinwazzjoni tad-Djalogu f'Ġunju 2021, u jfaħħar lir-Rappreżentant Ġholi u r-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħra tal-Balkani tal-Punent għall-impenn tagħhom għad-Djalogu ffaċilitat mill-UE. Il-Kunsill jistenna li s-Serbja timpenja ruħha fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE in bona fide u fl-ispirtu ta' kompromess biex jinkiseb ftehim legalment vinkolanti komprensiv mal-Kosovo f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-acquis tal-UE. Dan il-ftehim għandu jindirizza l-kwistjonijiet pendenti kollha u jikkontribwixxi għall-istabbiltà reġjonali. Dan huwa kruċjali sabiex il-Kosovo u s-Serbja jkunu jistgħu javvanzaw fit-triq Ewropea rispettiva tagħhom. Il-Kunsill itenni l-aspettattiva qawwija tiegħu li l-ftehimiet kollha tal-passat jiġu rispettati u implimentati mingħajr dewmien. Iż-żewġ partijiet għandhom jevitaw ukoll azzjonijiet li jdgħajfu l-istabbiltà u r-retorika li ma twassalx għad-djalogu.
30. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tas-Serbja li tippromwovi b'mod attiv il-**kooperazzjoni reġjonali** u jinkoraġġixxi lis-Serbja biex tkompli l-isforzi tagħha biex issaħħaħ **ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u tikkontribwixxi għall-istabbiltà u r-rikonċiljazzjoni.

TURKIJA

31. Il-Kunsill ifakkar li l-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021 innota l-interess strateġiku tal-Unjoni Ewropea f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija. Il-Kunsill Ewropew laqa' t-tnaqqis tat-tensjoni fil-Lvant tal-Mediterran, filwaqt li enfasizza li jenħtieġ li din tiġi sostnuta, u tenna r-rieda tal-UE li tikkollabora mat-Turkija b'mod gradwali, proporzjonat u riversibbli f'għadd ta' oqsma ta' interess komuni, soġġett għal kondizzjonalitajiet stabbiliti stipulati mill-Membri tal-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Marzu 2021, u f'konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew.
32. Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u ta' oħrajn qabilhom, il-Kunsill għadu impenjat li jibqa' jkollu djalogu miftuħ u sinċier, li jindirizza l-isfidi komuni u li jikkoopera f'oqsma essenzjali ta' interess konġunt bħall-migrazzjoni, is-saħħa pubblika, il-klima, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, u kwistjonijiet reġjonali. Il-Kunsill jieħu nota li reċentement tkomplew id-Djalogi ta' Livell Għoli bejn l-UE u t-Turkija dwar diversi minn dawn il-kwistjonijiet, kif ukoll li t-Turkija rratifikat il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima.
33. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi sinifikanti kontinwi tat-Turkija biex tospita u tindirizza l-ħtiġijiet ta' kważi erba' miljun refuġjat. L-assistenza kontinwa tal-UE lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti ser tiġi żgurata fil-ħin. Id-**Dikjarazzjoni UE-Turkija** għadha tagħti riżultati. Il-Kunsill ifakkar li l-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ottubru 2021 appella lit-Turkija biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija tal-2016, inkluż fir-rigward tar-Repubblika ta' Ċipru. Il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri, kif ukoll l-issoktar tar-ritorni, għadhom priyoritajiet. L-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni mal-Istati Membri kollha tal-UE jibqgħu essenzjali.

34. Il-Kunsill itenni t-tħassib serju tiegħu dwar ir-rigress ulterjuri u inkwetanti ħafna fl-oqsma tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet fundamentali inkluż il-libertà ta' espressjoni, kif ukoll in-nuqqas sistemiku ta' indipendenza tal-ġudikatura. Għadd ta' miżuri restrittivi li ttieħdu matul l-istat ta' emerġenza ġew integrati fil-liġi u għandhom impatt negattiv profond fuq il-poplu fit-Turkija. Is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tagħha joperaw taħt pressjoni kontinwa f'ambjent dejjem aktar diffiċli. In-nuqqas sistemiku tal-indipendenza u l-pressjoni bla bżonn fuq il-ġudikatura ma jistgħux jiġu aċċettati, u lanqas ma jistgħu jiġu aċċettati r-restrizzjonijiet, id-detenzjonijiet, il-priġuneriji li għaddejjin bħalissa, u miżuri oħra li għandhom fil-mira tagħhom ġurnalisti, akkademiċi, membri tal-partiti politiċi, inkluż deputati parlamentari, avukati, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, utenti tal-media soċjali u persuni oħra li jeżerċitaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tar-rispett tal-legalità u l-integrità tal-proċess elettorali, b'mod partikolari fl-isfond tal-għadd kbir ta' arresti, tkeċċijiet u sostituzzjonijiet ta' sindki municiċipali eletti demokratikament, u l-immirar ta' partiti tal-oppożizzjoni u l-membri tagħhom. Il-Kunsill itenni t-tħassib serju tiegħu dwar l-iżviluppi negattivi kontinwi rrapportati f'dawn l-oqsma, ifakkar fl-istandards internazzjonali u l-obbligi li t-Turkija ssottoskriviet u impenjat ruħha għalihom, u jappella lit-Turkija biex b'mod urġenti treġġa' lura x-xejriet negattivi u tindirizza b'mod kredibbli l-ħafna nuqqasijiet serji identifikati fir-rapport tal-Kummissjoni. It-Turkija għandha tintensifika wkoll il-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi u l-istituzzjonijiet rilevanti tiegħu, tindirizza r-rakkomandazzjonijiet prinċipali tagħhom, timplimenta bis-sħiħ il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u strumenti internazzjonali oħra tad-drittijiet tal-bniedem li t-Turkija hija parti għalihom kif ukoll teżegwixxi s-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem skont l-Artikolu 46 tal-KEDB.
35. Dwar ir-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota t-tħassib serju li jippersisti dwar il-funzjonament tal-ekonomija tas-suq tal-pajjiż. Id-dgħufijiet istituzzjonali u fil-koordinazzjoni tal-politika mminaw il-kredibbiltà u l-effettività tal-azzjonijiet tal-awtoritajiet, u l-iżbilanċi żdiedu b'mod sinifikanti, u dan irriżulta f'instabbiltà fis-suq finanzjarju, impatt negattiv ħafna fuq is-suq tax-xogħol, u aktar faqar. Il-Kunsill iħeġġeġ lit-Turkija biex timplimenta bis-sħiħ il-gwida politika li tinsab fil-**Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju**. L-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji, bħall-Bank Ċentrali, hija ta' importanza partikolari.

Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-ħtieġa li t-Turkija tindirizza l-obbligi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-**Unjoni Doganali UE-Turkija**, filwaqt li tiżgura l-applikazzjoni effettiva tagħha għall-Istati Membri kollha. Il-Kunsill jiddispjaċih dwar id-devjazzjonijiet li għadhom qed isiru tat-Turkija mill-obbligi tagħha taħt l-Unjoni Doganali UE-Turkija, u jfakkar li l-ostakli għall-kummerċ jew l-ekwivalenti tagħhom li mhumiex konformi magħha, għandhom jitneħħew mingħajr dewmien.

36. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lit-Turkija biex progressivament tallinja ruħha mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE** u treġġa' lura x-xejra negattiva li qed tiżdied bħala kwistjoni ta' prijorità u jfakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar l-adeżjoni tal-Istati Membri għall-organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-Kunsill jinnota bi tħassib li l-politika barranija tat-Turkija qed tkun dejjem aktar kuntrarja għall-prijoritajiet tal-UE skont il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, inkluż fir-rigward tal-Libja u tal-Operazzjoni IRINI. F'konformità mal-interess komuni tal-UE u t-Turkija fil-paċi u l-istabbiltà reġjonali, il-Kunsill jistenna li t-Turkija u l-atturi kollha jikkontribwixxu b'mod pożittiv għar-riżoluzzjoni tal-kriżijiet reġjonali.
37. Il-Kunsill għadu jistenna li t-Turkija timpenja ruħha b'mod inekwivoku għal **relazzjonijiet tajbin ta' viċinat**, ftehimiet internazzjonali u għas-soluzzjoni paċifika ta' tilwim, b'rikors, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja.

Il-Kunsill, kif iddikjara fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2006, tas-26 ta' Ġunju 2018 u tat-18 ta' Ġunju 2019, sussegwentement approvati mill-Kunsill Ewropew, kif ukoll fid-Dikjarazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005, jappella lit-Turkija biex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-Qafas ta' Negożjar, inkluż l-implimentazzjoni nondiskriminatorja u sħiħa tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-Istati Membri kollha. Il-Kunsill itenni li r-rikonoxximent tal-Istati Membri kollha huwa essenzjali. Jenħtieġ li t-Turkija twaqqaf kull theddida u azzjoni ta' dannu għar-relazzjonijiet tajba ta' viċinat, tinnormalizza r-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru u tirrispetta s-sovranietà tal-Istati Membri kollha tal-UE fuq il-baħar territorjali u l-ispazju tal-ajru tagħhom kif ukoll id-drittijiet sovrani kollha tagħhom, inkluż fost l-oħrajn id-dritt li jesploraw u jisfruttaw ir-riżorsi naturali, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS).

38. L-UE għadha impenjata għalkollox għal soluzzjoni komprensiva tal-**problema ta' Ċipru**. Tfakkar li għadu kruċjali f'dan ir-rigward li t-Turkija timpenja ruħha u tikkontribwixxi għal soluzzjoni paċifika, inkluż l-aspetti esterni tagħha, fil-qafas tan-NU, abbażi ta' federazzjoni bikomunitarja u bizionali b'ugwaljanza politika, f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti kollha tal-KSNU u skont il-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE u l-*acquis*. Il-Kunsill jiddispijaċih li l-laqgħa informali ta' April 2021 f'Ġinevra taħt il-patroċinju tan-NU ma wittietx it-triq biex jissoktaw negozjati formali. L-UE ser tkompli taqdi rwol attiv fl-appoġġ tal-proċess.

Il-Kunsill jikkundanna l-azzjonijiet unilaterali tat-Turkija fir-rigward ta' Varosha li jmorru kontra r-Risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u jfakkar fl-importanza tal-istatus ta' Varosha u l-hteġa ta' rispett sħiħ għar-Risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikolari r-Risoluzzjonijiet 550, 789 u 1251, kif issottolinjati mill-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021. Il-Kunsill jappella bl-istess mod għat-treġġiġh lura immedjat ta' dawn l-azzjonijiet u t-treġġiġh lura tal-passi kollha li ttieħdu f'Varosha minn Ottubru 2020.

39. Il-Kunsill jinnota b'dispijaċir li t-Turkija qed tkompli titbiegħed aktar mill-Unjoni Ewropea, u jfakkar fil-konklużjoni preċedenti tiegħu fejn ġie nnotat li n-negozjati tal-adeżjoni tat-Turkija effettivament waqfu u l-ebda kapitolu ieħor ma jista' jiġi kkunsidrat għall-ftuħ jew l-għeluq.

PROĊESS TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI

REPUBBLIKA TAL-MAĊEDONJA TA' FUQ

40. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq għadha determinata li tavvanza l-aġenda ta' riforma tal-UE, li wittiet it-triq għad-deċiżjoni li jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni f'Marzu 2020. Il-Kunsill jistenna b'interess li ssir l-ewwel konferenza intergovernattiva mar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq malajr kemm jista' jkun, wara l-approvazzjoni tal-qafas ta' negozjar mill-Kunsill.

41. Il-Kunsill jieħu nota li, skont l-OSKE/ODIHR, l-**elezzjonijiet** lokali tas-17 u l-31 ta' Ottubru 2021 kienu kompetittivi u l-libertajiet fundamentali ġew irrispettati. Madankollu, bosta nuqqasijiet fil-qafas legali jenfasizzaw il-**ħtieġa** ta' eżami komprensiv tal-leġiżlazzjoni elettorali. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-awtoritajiet ikomplu jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet li fadal mill-OSKE/ODIHR u l-Kummissjoni ta' Venezja b'mod f'waqt u inklużiv.
42. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li sar progress fil-qasam tal-**istat tad-dritt**, inkluż il-**ġlieda** kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll l-impenn tal-gvern li jsostni u jaċċellera l-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE. Is-sostenibbiltà ta' dawn ir-riformi strutturali hija proċess fit-tul, li jeħtieġ impenn kontinwu kemm mill-gvern kif ukoll mill-oppożizzjoni. Il-Kunsill ihegġegħ lill-partijiet kollha biex ikomplu japprofondixxu l-momentum attwali tar-riforma u jtejbu d-djalogu kostruttiv.
43. Fil-qasam tal-**ġudikatura**, il-Kunsill jilqa' l-fatt li sar xi progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija għar-riforma ġudizzjarja, biex b'hekk jiġu indirizzati aktar ir-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni ta' Venezja u l-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar kwistjonijiet sistemiċi dwar l-Istat tad-Dritt. Il-Kunsill jissottolinja li l-fokus jeħtieġ li jkun fuq l-implimentazzjoni kontinwa tal-istrateġiji u l-liġijiet eżistenti u l-użu tal-għodod, li diġà huma fis-seħħ, f'konformità mal-istandards tal-UE. L-indipendenza, il-professjonaliżmu u l-imparzjalità tas-sistema ġudizzjarja jenħtieġ li jiġu żgurati, abbażi tal-progress li diġà sar. Il-Kunsill jinnota l-isforzi biex titkompla l-**ġlieda** kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inkluż għal każijiet ta' livell għoli. Il-Kunsill jenfasizza l-**ħtieġa** li tiġi żgurata implimentazzjoni sistematika tal-pjan ta' azzjoni aġġornat għall-istrateġija għar-riforma ġudizzjarja u l-istrateġiji tar-riżorsi umani għall-ġudikatura u l-prosekuzzjoni. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-istituzzjonijiet ikkonċernati jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Istat għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni, li kienet partikolarment proattiva fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Il-Kunsill jappella lir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq biex tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ iktar il-libertà ta' espressjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti.

44. Il-Kunsill jinnota li sar xi progress fil-qasam tal-**amministrazzjoni pubblika**. L-iżgurar tar-rispett għall-prinċipji tat-trasparenza, il-mertu u r-rappreżentanza ekwa għadu essenzjali, inkluż permezz ta' titjib u implimentazzjoni tal-qafas leġislativ.
45. Il-pajjiż implimenta riforma komprensiva tas-servizzi tiegħu ta' intelligence u ta' sigurtà, f'kooperazzjoni man-NATO u s-sħab strateġiċi. Il-Kunsill jissottolinja li l-kapaċità ta' sorveljanza parlamentari fuq is-servizzi ta' intelligence għandha bżonn tissaħħa.
46. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq għadha taqdi rwol attiv u kostruttiv fil-ġestjoni tal-flussi mħallta ta' **migrazzjoni** billi tikkoopera b'mod effettiv mal-pajjiżi ġirien u l-Istati Membri tal-UE.
47. Dwar ir-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill iħeġġeġ lir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tissodisfa r-rekwiżiti tas-suq intern tal-UE u biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq biex timplimenta bis-sħiħ l-gwida politika stipulata fil-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju billi timplimenta riformi strutturali effettivi u koordinati sew.
48. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-enumerazzjoni taċ-ċensiment tlestiet fit-30 ta' Settembru 2021 u jinnota li r-riżultati huma mistennija li jiġu ppubblikati fix-xhur li ġejjin.
49. **Relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali** għadhom elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Filwaqt li jfakkar fit-tieni paragrafu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2020, il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli u li jiġu implimentati, in bona fide, ftehimiet bilaterali, inkluż il-Ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat dwar Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat mal-Bulgarija.

50. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-fatt li l-allinjament mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE** żdied b'mod sinifikanti, li jindika xejra pożittiva u jirrifletti l-għażla ta' orjentazzjoni strateġika tal-pajjiż. Il-Kunsill ihegġegħ lill-pajjiż ikompli jtejjeb aktar l-allinjament tiegħu mal-PESK. Jilqa' wkoll il-parteeipazzjoni attiva kontinwa tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE taħt il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni.

ALBANIJA

51. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Albanija għadha determinata li tavvanza l-aġenda ta' riforma tal-UE, li wittiet it-triq għad-deċiżjoni li jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni mal-UE f'Marzu 2020. Il-Kunsill jistenna b'interess li ssir l-ewwel konferenza intergovernattiva mal-Albanija malajr kemm jista' jkun, wara l-approvazzjoni tal-qafas ta' negozjar mill-Kunsill.
52. Il-Kunsill jieħu nota li l-elezzjonijiet parlamentari f'April 2021 kienu ġeneralment organizzati tajjeb u jfakkar li dawn l-elezzjonijiet saru abbażi tal-qafas elettorali l-għdid wara riforma wiesgħa f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR. Il-Kunsill ihegġegħ ukoll aktar implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-OSKE/ODIHR. Il-Kunsill jissottolinja li djalogu politiku inklużiv u kostruttiv fil-pajjiż għadu kruċjali, u f'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' r-ritorn tal-oppożizzjoni fil-parlament.

Il-Kunsill jilqa' l-progress tajjeb tal-Albanija fil-qasam tal-**istat tad-dritt**, b'mod speċjali bl-implimentazzjoni tar-riforma komprensiva tal-ġustizzja, li avvanzat b'mod kostanti, u bit-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-kriminalità organizzata. L-istrutturi speċjalizzati ġodda li ġew stabbiliti kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata diġà wrew l-ewwel riżultati pożittivi. Jenhtiegħ li jkomplu l-isforzi biex jinħoloq rekord tajjeb, inkluż fir-rigward tal-korruzzjoni ta' livell għoli u l-kriminalità organizzata permezz ta' investigazzjonijiet proattivi u sentenzi finali, u permezz tal-implimentazzjoni ulterjuri tal-pjan ta' azzjoni biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja, kif għandha tkompli wkoll il-kooperazzjoni tajba mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri.

Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-iskrutinju avvanza b'mod kostanti u pproduċa riżultati tanġibbli, u jhegheg lill-awtoritajiet Albaniżi biex ikomplu jagħmlu kull sforz biex il-proċess ikun jista' jiġi finalizzat b'suċċess. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Qorti Għolja reġgħet bdiet tiffunzjona wara li reġgħet kisbet kworum suffiċjenti biex tavvanza fl-aġġudikazzjoni tal-kawżi, filwaqt li għandhom ikomplu jsiru aktar ħatriet biex jimtlew il-postijiet battala kollha li fadal. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali reġgħet kisbet funzjonalità sħiħa permezz ta' ħatriet addizzjonali.

Fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv l-isforzi li għaddejjin biex tiġi implimentata riforma komprensiva tas-settur tal-art u biex jiġu kkonsolidati d-drittijiet tal-proprjetà u jappella lill-awtoritajiet biex ikomplu jwettqu dawn l-isforzi, b'mod trasparenti billi jwettqu konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha inkluż billi jindirizzaw każijiet ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti, u jagħmlu progress malajr fil-proċess għar-reġistrazzjoni u l-kumpens. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tal-Liġi dwar iċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u jistenna b'interess it-twettiq bla xkiel tagħha bi trasparenza sħiħa u f'konformità mal-istandards internazzjonali. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja relatata mal-Liġi Qafas tal-2017 dwar il-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali u jhegheg lill-Albanija biex tadotta u timplimenta malajr il-liġijiet sekondarji li fadal f'konformità mal-istandards Ewropej u bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-Albanija biex tissokta l-isforzi biex isir progress tanġibbli fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti. Il-Kunsill itenni l-importanza li jiġi żgurat li l-emendi għal-liġi dwar il-media jkunu konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezia u mal-istandards internazzjonali, jekk il-liġi tiġi kkunsidrata ulterjorment mill-parlament. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-progress tanġibbli miksub fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, u jhegheg lill-Albanija biex tkompli b'determinazzjoni bl-isforzi tagħha f'dan il-qasam. Il-koordinazzjoni fi ħdan l-**amministrazzjoni pubblika** teħtieġ tiġib b'mod partikolari għall-integrazzjoni tal-proċessi tal-ippjanar tal-politika u tal-ibbaġitjar, u għall-kwistjonijiet relatati mal-integrazzjoni tal-UE. It-twaqqif ta' aġenziji ġodda jenħtieġ li jkun progress inklużiv bl-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għandu jwassal għal kontrolli u bilanċi u għall-effiċjenza.

53. F'dak li għandu x'jaqşam mal-**migrazzjoni**, l-Albanija hija l-ewwel pajjiż fil-Balkani tal-Punent fejn daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar l-Istatus tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. L-ewwel operazzjoni konġunta li qatt saret barra mill-UE mal-Frontex irnexxiet. L-għadd totali ta' applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi ppreżentati minn ċittadini Albaniżi fl-UE naqas b'mod sinifikanti, iżda għandu bżonn jiġi mmonitorjat mill-qrib u jeħtieġ sforzi kontinwi u sostnuti mill-awtoritajiet Albaniżi.
54. Dwar ir-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill jieħu nota li qabel it-terremot ta' Novembru 2019 u x-xokk estern fl-2020 ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19, il-qgħad kompla jonqos għal livelli baxxi rekord, l-esportazzjonijiet kibru, u l-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG kompla jonqos għalkemm għadu għoli. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Albanija biex timplimenta bis-siħ il-gwida politika stabbilita fil-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju, billi tnaqqas gradwalment il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali, billi ttejjeb il-governanza fiskali u t-trasparenza kif ukoll billi timplimenta riformi strutturali effettivi u kkoordinati tajjeb.
55. Il-Kunsill jilqa' l-involviment kostruttiv kontinwu tal-Albanija fil-**kooperazzjoni reġjonali**. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-fatt li l-Albanija kompliet id-djalogu biex tiżgura **relazzjonijiet tajbin ta' viċinat**, li għadhom essenzjali.
56. Il-Kunsill ifaħħar b'saħħa l-kooperazzjoni kontinwa tal-Albanija u l-allinjament siħ tagħha mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE** u l-fatt li dan ir-rekord kien konsistenti maż-żmien. Huwa jilqa' wkoll il-parteċipazzjoni attiva kontinwa tal-Albanija f'missjonijiet u operazzjonijiet taħt il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni.

BOŻNIJA-HERZEGOVINA

57. Il-Kunsill jiddispjaċih ħafna għall-kriżi politika fit-tul fil-pajjiż, li minħabba fiha fl-2021 ma setax isir aktar progress fuq ir-riformi, u jikkundanna l-imblukkar tal-istituzzjonijiet tal-Istat. Il-Kunsill ihegġegħ lill-mexxejja politiċi kollha biex jirrinunzjaw u joqgħodu lura minn retorika u azzjoni provokattiva u diviżiva, inkluż milli jiddubitaw is-sovranià, l-unità u l-integrità territorjali tal-pajjiż.

Ir-retorika u l-inizjattivi mmirati lejn il-waqfien tar-riformi u l-irtirar mill-istituzzjonijiet tal-Istat mhumiex aċċettabbli u jipperikolaw l-allinjament tal-pajjiż mal-*acquis* tal-UE u l-impenn politiku lejn l-integrazzjoni tal-UE. Jenħtieġ li l-mexxejja politiċi kollha jimpenjaw ruħhom fi djalogu biex jegħlbu l-istagħnar bħala kwistjoni ta' prijorità.

Il-Kunsill jieħu nota tal-progress limitat ħafna fir-riformi, u jirrikonoxxi l-passi meħuda, inkluż it-tweqqi tal-elezzjonijiet lokali f'Mostar f'Diċembru 2020, għall-ewwel darba mill-2008 'l hawn, u tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, kif ukoll l-adozzjoni mil-livelli kollha tal-gvern tal-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-istrateġiji dwar il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

58. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-mexxejja politiċi tal-Bożnija-Herzegovina jiffokaw l-isforzi konġunti taġghom biex jaħdmu fuq **l-14-il prijorità ewlenija** kollha identifikati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għal sħubija fl-UE kif approvata mill-Kunsill fl-2019, u f'konformità mal-interess taċ-ċittadini kollha li jsir progress lejn l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill jesprimi l-apprezzament tiegħu u jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-isforzi tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE f'dan ir-rigward. Huwa biss bit-tweqqi tar-riformi li l-Bożnija-Herzegovina tkun tista' tavvanza lejn l-UE.
59. B'referenza għall-mekkaniżmi istituzzjonali, li ġew stabbiliti bil-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton, jenħtieġ li l-Bożnija-Herzegovina twettaq aktar riformi kostituzzjonali u elettoral biex tiżgura l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini, b'mod partikolari billi timplimenta l-ġurisprudenza tal-kawża Sejdić-Finci tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Il-Kunsill jissottolinja li ma għandu jittieħed ebda pass leġiżlattiv jew politiku li jrendi l-implimentazzjoni tas-sentenza Sejdić-Finci u sentenzi relatati tal-QEDB aktar diffiċli jew li jkompli japprofondixxi l-firdiet. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu għal proċess inklużiv ta' riformi kostituzzjonali u elettoral limitati, permezz ta' djalogu ġenwin u f'konformità mal-istandards Ewropej biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni fil-proċess elettoral. Il-Kunsill jissottolinja li għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti kostituzzjonali għad iridu jiġu infurzati b'mod sħiħ. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella lill-Grupp ta' Ħidma bejn l-Aġenziji biex jissokta l-ħidma tiegħu malajr u jippreżenta l-proposti tiegħu dwar ir-riformi qabel il-vot biex jittejjeb il-qafas elettoral.

60. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tindirizza r-riformi li għandhom l-għan li jtejbju l-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali tal-pajjiż biex tikkonforma mar-rekwiżiti tas-sħubija fl-UE.

Il-Kunsill jistenna lill-Bożnija-Ħerzegovina twettaq il-passi essenzjali fir-**riforma tal-amministrazzjoni pubblika** billi tiżgura servizz ċivili professjonali u depolitiċizzat u approċċ koordinat għall-pajjiż kollu għat-tfassil tal-politika.

Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-prevenzjoni tal-**korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u tal-ġlieda kontrihom** u jiddispjaċih li ma sar l-ebda progress fl-indirizzar tal-prijoritajiet ewlenin tal-Opinjoni u s-sejbiet tar-Rapport ta' Esperti dwar kwistjonijiet tal-Istat tad-Dritt. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li l-awtoritajiet jaħdmu għat-tisħiħ tal-**istat tad-dritt**. Għal dan il-għan, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tadotta malajr emendi għal-Liġi dwar il-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli biex tintroduċi miżuri ta' integrità fil-ġudikatura. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-ħtieġa li l-Bożnija-Ħerzegovina tallinja b'mod urġenti l-leġiżlazzjoni tagħha dwar l-akkwist pubbliku u dwar il-kunflitt ta' interess mal-istandards Ewropej.

61. Il-Kunsill jiddispjaċih għan-nuqqas ta' progress fir-rigward tal-**libertà ta' espressjoni** u s-sikurezza tal-ġurnalisti, u jappella lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tintensifika l-isforzi dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni.
62. Il-Kunsill jilqa' l-passi pożittivi li ttieħdu biex jittejbju l-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-**migrazzjoni**, u jissottolinja li tali sforzi jenħtieġ li jitkomplew u jissaħħu. Jenħtieġ li l-Bożnija-Ħerzegovina tipprovdi kenn suffiċjenti u adegwat lill-persuni kollha fil-bżonn fil-pajjiż kollu. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jadottaw strateġija, u baġit iddedikat, u jiżguraw koordinazzjoni effettiva, fil-livelli kollha, tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri u ta' ġestjoni tal-migrazzjoni, kif ukoll il-funzjonament tas-sistema tal-ażil, sabiex jindirizzaw b'suċċess l-isfidi tal-migrazzjoni.

63. Dwar ir-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill jieħu nota li l-pajjiż għamel progress limitat lejn l-istabbiliment ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u f'termini tal-kapaċità tiegħu li jlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Bożnija-Herzegovina biex timplimenta b'mod sħiħ il-gwida politika stipulata fil-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju, billi ttejjeb il-kapaċitajiet analitiċi, ta' ppjanar u ta' koordinazzjoni biex issaħħaħ il-formulazzjoni ta' politika makroekonomika għall-pajjiż kollu u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali effettivi u kkoordinati tajjeb li jtaffu l-effetti ta' suq intern frammentat u jiffaċilitaw l-investimenti. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li tiġi żgurata l-konformità mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA), u li jsiru laqgħat regolari tal-korpi stabbiliti fil-qafas tal-FSA.
64. Il-Kunsill ikompli jtenni l-impenn inekwivoku tiegħu lejn il-perspettiva tal-Bożnija-Herzegovina orjentata lejn l-UE bħala pajjiż waħdieni, magħqud u sovrani. Wara l-25 anniversarju tal-ġenoċidju ta' Srebrenica u tal-Ftehimiet ta' Paċi ta' Dayton/Pariġi s-sena l-oħra, il-Kunsill ihegġegħ lill-atturi politiċi kollha fil-Bożnija-Herzegovina biex jegħlbu r-retorika diviżiva li għandha l-għerqu tagħha fil-passat, biex itemmu l-glorifikazzjoni ta' kriminali tal-gwerra kkundannati kif ukoll biex jippromwovu b'mod attiv ir-rikonċiljazzjoni.
65. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Bożnija-Herzegovina biex tinvolvi ruħha aktar b'mod attiv fl-iżvilupp ta' **kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet tajba ta' viċinat**.
66. Il-Kunsill jiddispjaċih għat-tnaqqis qawwi fl-allinjament tal-Bożnija-Herzegovina mal-**Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni tal-UE** u jhegġegħ lill-pajjiż biex ireġġa' lura din ix-xejra negattiva bħala kwistjoni ta' prijorità. Min-naħa l-oħra jilqa' wkoll il-parteċipazzjoni attiva kontinwa tal-Bożnija-Herzegovina f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE taħt il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-estensjoni tal-mandat tal-EUFOR Althea, li tkompli tappoġġa lill-awtoritajiet fil-Bożnija-Herzegovina fiż-żamma ta' ambjent li jassikura s-sigurtà taċ-ċittadini kollha. Il-Kunsill jesprimi l-appoġġ tiegħu għar-rwol u l-mandat tar-Rappreżentant Għoli u l-Uffiċċju tiegħu lejn it-twettiq tal-aġenda 5+2.

IL-KOSOVO

67. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-gvern il-ġdid, elett f'Marzu 2021, ikkonferma l-impenn strateġiku tal-Kosovo lejn it-triq Ewropea tiegħu u r-riformi relatati. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-implimentazzjoni kontinwa tal-**Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA)** bejn l-UE u l-Kosovo u jilqa' t-tnedija tat-tieni fażi tal-**Aġenda Ewropea għar-Riforma (ERA)** tagħha. Il-Kunsill jappella għall-implimentazzjoni ta' din il-fażi u jissottolinja li l-Kosovo jeħtieġ urġentement jaċċellera l-proċessi ta' riforma, f'konformità mal-istandards Ewropej u fl-interess taċ-ċittadini tal-Kosovo, meta wieħed jikkunsidra l-progress limitat li sar s'issa.
68. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-**elezzjonijiet** leġiżlattivi bikrija tal-14 ta' Frar 2021 u l-elezzjonijiet lokali tas-17 ta' Ottubru u tal-14 ta' Novembru kienu amministrati tajjeb u trasparenti. Kienu wkoll kompetittivi, ħlief f'żoni Serbi tal-Kosovo. Il-Kunsill jistenna li n-nuqqasijiet rikorrenti fil-proċess elettorali jiġu indirizzati u li r-rakkomandazzjonijiet relatati tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE jiġu implimentati b'sens akbar ta' urġenza.
69. Il-Kunsill jilqa' l-passi meħuda mill-gvern biex iressaq aġenda ta' riforma dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Jappella lill-Kosovo biex jintensifika l-isforzi tiegħu biex itejjeb l-**istat tad-dritt**, u biex ikompli jintensifika l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, biex jintensifika l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u biex ikompli bir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, filwaqt li jibni fuq is-suċċess tal-Kosovo sal-lum u f'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali. Il-Kunsill jappella lill-awtoritajiet biex javvanzaw fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, biex jadottaw approċċ komprensiv biex jitwettqu r-riformi tal-ġustizzja u dawk immirati li jiġġieldu l-korruzzjoni, f'konformità mal-istandards Ewropej, u biex ikomplu jagħmlu progress fir-rekord tagħhom fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-ivell għoli u l-kriminalità organizzata.

70. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għat-tkomplija tal-impenn mill-Kosovo lejn l-Awli Speċjalizzati, bħala xhieda importanti tal-impenn tiegħu għall-istat tad-dritt u t-tmim tal-impunità. Il-qafas legali eżistenti jippermetti l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni adatti tad-delitti tal-gwerra allegati kollha. F'dan ir-rigward, il-Kunsill japprezza l-ħidma tal-Awli Speċjalizzati li wasslet għall-ewwel proċessi li saru din is-sena f'The Hague.
71. Il-Kunsill jilqa' l-estensjoni tal-mandat tal-EULEX, maqbul b'mod reċiproku f'Ġunju 2021. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li l-Kosovo jkompli jikkoopera mill-qrib u b'mod effettiv mal-EULEX. Huwa jistieden ukoll lill-Kosovo biex ikompli l-kooperazzjoni mal-atturi internazzjonali rilevanti.
72. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kosovo biex jagħmel sforzi addizzjonali biex jimplimenta bis-sħiħ il-qafas legali dwar id-drittijiet fundamentali, f'konformità mal-istandards Ewropej, kif ukoll biex itejjeb il-koordinazzjoni u s-sorveljanza. Jenħtieġ li jsir aktar b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-protezzjoni sħiħa tal-wirt kulturali u reliġjuż, il-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni li huma parti minn komunitajiet mhux maġġoritarji, inkluż ir-Rom u l-Ashkali, u l-persuni spustati, kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-prattika. Il-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem eżistenti jenħtieġ li jissaħħu aktar.
73. Il-Kunsill jappella lill-Kosovo biex irawwem l-implimentazzjoni effettiva ta' **riformi fl-amministrazzjoni pubblika** u fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari billi jadotta strateġija ġdida għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika għall-2021-2026 u emendi għas-servizz ċivili, bil-ħsieb ta' amministrazzjoni pubblika aktar responsabbli u orjentata lejn iċ-ċittadin.
74. Dwar ir-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill ifakkar fil-problemi strutturali li ilhom jeżistu, bħannuqqas ta' diversifikazzjoni ekonomika, id-dipendenza fuq flussi finanzjarji esterni, ekonomija informali mifruxa u livelli baxxi ta' attività u impjiegi. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-gvern li jindirizza dawn l-isfidi u jhegġegħ lill-Kosovo biex jimplimenta bis-sħiħ il-gwida politika stabbilita fil-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju, billi jtejjeb il-governanza fiskali kif ukoll billi jimplimenta riformi strutturali effettivi u kkoordinati tajjeb.

75. Dwar id-**Djalogu** ffaċilitat mill-UE, il-Kunsill jilqa' l-kontinwazzjoni tad-Djalogu f'Ġunju 2021, u jfaħħar lir-Rappreżentant Ġholi u r-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħra tal-Balkani tal-Punent għall-impenn tagħhom għad-Djalogu ffaċilitat mill-UE. Il-Kunsill jistenna li l-Kosovo jimpenja ruħu fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE in bona fide u fl-ispirtu ta' kompromess biex jinkiseb ftehim legalment vinkolanti komprensiv mas-Serbja f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-acquis tal-UE. Dan il-ftehim għandu jindirizza l-kwistjonijiet pendenti kollha u jikkontribwixxi għall-istabbiltà reġjonali. Dan huwa kruċjali sabiex il-Kosovo u s-Serbja jkunu jistgħu javvanzaw fil-perkorsi rispettivi tagħhom lejn l-Ewropa. Il-Kunsill itenni l-aspettattiva qawwija tiegħu li l-ftehimiet kollha tal-passat jiġu rispettati u implimentati mingħajr dewmien. Iż-żewġ partijiet għandhom jevitaw ukoll azzjonijiet li jdgħajfu l-istabbiltà u r-retorika li ma twassalx għad-djalogu.
76. Il-Kunsill ifakkar li l-progress fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mas-Serbja huwa prinċipju essenzjali tal-FSA u jirfed l-iżvilupp tar-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kosovo.
77. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet ta' viċinat tajbin u jhegġegħ lill-Kosovo biex jipparteċipa b'mod attiv u kostruttiv f'attivitajiet ta' **kooperazzjoni reġjonali**.
78. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-**liberalizzazzjoni tal-viża** għaċ-ċittadini tal-Kosovo. Il-Kummissjoni għamlet proposta formali f'Mejju 2016 biex il-Kosovo jiġi ttrasferit għal-lista ta' pajjiżi eżentati mill-obbligu ta' viża ta' Schengen u f'Lulju 2018 ippreżentat rapport dwar l-issodisfar tal-punti ta' riferiment li għad fadal. Il-proposta tal-Kummissjoni, appoġġata mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari tiegħu f'Marzu 2019, għadha qed tiġi kkunsidrata fil-Kunsill.